**TARXIEN**
Local Council

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 72/2024 it-Tmien Leġislatura

Data: It-Tlieta, 11 ta' Ġunju 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Online |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**72.1 Ittri ta'Apoloġija**

72.1.1 Is- Sindku semma li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji imma s-Sur Neil Portelli talab li jingħaqad online.

**72.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.71**

72.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.71 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur. Christian Pace, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**72.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 60**

72.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Christian Pace u s-Sur Ismeal Dalli ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-8 ta' Mejju 2024 u l-11 ta' Ġunju 2024 li kienet tammonta għal €185,383.84.

**72.4 Punti mill-Minuti**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

TARXIEN
Local Council

| | |
|---|---|
| **72.4.1 Fondi Norveġiżi – Ġnien Joanne** | Is-Sindku semma li kienu reġgħu ġew ivvandalizzati l-bandli u saret claim mill-insurance. Semma li din intlqgħet u l-Kunsill ser ikun qed jieħu l-ispejjeż lura. Semmew li għandhom jibqgħu jsiru CCTVs mill-aktra fiss possibbli. Saret ukoll diskussjoni li l-Kunsill għandu jinvolvi aktar lit-tfal u ż-żgħażagħ meta jkunu qed jiġu ddisnijati l-ispazji miftuħa. |
| **72.4.2 Bandli Veliko Turnovo** | Kien hemm diskussjoni dwar l-użu tal-grawnd, kienu diskussi diversi materji u kien diskuss u maqbul li: <br>- Il-Kunsill japplika għall-VAT Book <br>- Toħroġ sejħa għal servizz ta' persuna li tieħu ħsieb il-grawnd. |
| **72.4.3 Cleansing Department** | Is-Sindku semma li l-Kunsill kien ser jibbenifika minn sweeper mingħand il-Cleansing Department, semma li magħha sew jingħata wkoll xufier biex ikun jista' jħaddem din il-magna. Is-Sindku semma li kien għadu qed jikkordina. |
| **72.4.4 Laqgħa fuq proposta Ta' Sardinja** | Is-Sindku semma li l-Kunsillier, is-Sur Christian Pace attenda għal-laqgħa mal-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi flimkien ma' rappreżentanti ta' Project Greens. Is-Sur Pace semma li kien hemm intress mill-partijiet rigward il-proposta imresqa mill-Kunsill. Semma wkoll li l-art hija tal-Joint Office u għaldaqsatant, ser ikun qed ikompli l-proċess. |
| **72.4.5 Heritage Trail** | Is-Sindku semma li s-Sur Christian Pace għadda kopja tal-Heritage Trail tal-lokalita'. Kien hemm qbil li l-Kunsill ikompli jaħdem fuq din il-proposta. |
| **72.4.6 Assistent Prinċipal fi skala 11 – Interviews** | Is-Sindku semma li l-Board kien ikkonkluda l-intervisti tal-applikazzjonijiet li daħlu u li ma sabu lil l-ebda applikant li jista' jkun parti mit-tim ta' amministrazzjoni fil-Kunsill. Għaldaqstant semma li l-Kunsill Lokali għandu jiddeċiedi kif ser jipproċedi. |
| **72.4.7 Aċċess tal-paġna ta' Facebook** | Is-Sindku semma li sakemm ikunu eletti l-Membri l-ġodda, l-aċċess tal-paġna ta' Facebook jgħaddi għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. |

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

**TARXIEN**
**Local Council**

**72.5 Aġġornament**

72.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sitta u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju 2024 fil-17:00 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**